Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8553 — Banco Santander/Banco Popular Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 234/06)

1. Fl-14 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Banco Santander S.A. ("Santander", Spanja) jakkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-Banco Popular Español S.A. ("BPE", Spanja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Santander, attiva f'servizzi bankarji, servizzi ta' teżorerija u assigurazzjoni, hija l-impriża prinċipali ta' grupp internazzjonali ta' kumpaniji bankarji u finanzjarji, li taħdem prinċipalment fi Spanja, pajjiżi Ewropej oħra inklużi l-Portugall, ir-Renju Unit, l-Amerika Latina u l-Istati Uniti tal-Amerika.

— BPE hija l-kumpanija principali tal-grupp BPE, li jikkonsisti fl-entitajiet finanzjarji li ġejjin: Banco Pastor, BPE Banca Privada, TotalBank u Banco BPE Portugal. BPE għandu wkoll sehem f'Targobank u WiZink. BPE jipprovdi servizzi bankarji kif ukoll servizzi ta' assigurazzjoni, kemm fi Spanja kif ukoll fil-Portugall. BPE huwa kkwotat fil-borża ta' Madrid, ta' Barċellona, ta' Bilbao u f'dik ta' Valencia.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8553 — Banco Santander/Banco Popular Group, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").